MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 403/2009

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1008/08 fl-ismijiet:

Avukat Alison **VASSALLO** kif debitament awtorizzata bħala mandatarju għan-nom u in rappreżentanza ta' Kaptan Alfred Fremal bil-passaport Belġjan

vs

**IS-SOĊJETA' MALTIJA FISH & FISH LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn David Azzopardi f'isem il-kumpannija esekutata Fish & Fish Limited fis-27 ta' April,

2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;  u (ii) f'każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' l-ewwel talba, torbot lill-intimata eżekutanti *nomine* biex tressaq garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet bil-ħruġ tal-Mandat, u biex fil-każ li l-imsemmija intimata tonqos li tressaq il-garanzija fiż-żmien lilha mogħti, jitħassru l-effetti kollha tal-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti *nomine*;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata eżekutanti *nomine* l-Avukat Alison Vassallo fil-21 ta' Mejju, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin qalet li t-talbiet tar-rikorrenti eżekutata m'għandhomx jintlaqgħu;

Rat id-dokumenti mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferu;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Il-kumpannija rikorrrenti eżekutata (aktar 'il quddiem imsejħa "F&F") qiegħda titlob ukoll li l-Qorti torbot lill-intimata eżekutanti *nomine* bl-għoti ta' garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A, u, f'każ li tonqos li tagħmel dan fiż-żmien mogħti lilha, tordna li l-Mandat jitħassar;

Illi mill-<u>fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni</u> jirriżulta li fl-14 ta' Diċembru, 2005, waqt maltempata qalila, seħħet ħabta fil-Port ta' Marsaxlokk bejn il-bastiment *Gran Michelangelo* (li dik il-ħabta kien imħaddem minn F&F għall-ħidma tagħha ta' sajd kummerċjali) u l-bastiment *Capitan San Marco* (li sidu huwa l-intimat eżekutant *proprio*).   Fil-ħabta, kien involut bastiment ieħor li kien irmiġġat

bejniethom[1]. Fl-4 ta' Diċembru, 2006, l-intimat eżekutant (aktar 'il quddiem imsejjaħ "Fremal") fetaħ kawża[2] għad-danni kontra l-bastiment *Gran Michelangelo*, kontra s-sidien tiegħu u kontra F&F. Fil-5 ta' Jannar, 2007, dak inhar li ressqet it-Tweġiba Maħlufa għall-kawża mibdija minn Fremal, F&F fetħet kawża[3] għad-danni kontra Fremal dwar l-istess inċident. Iż-żewġ kawżi qegħdin jinstemgħu flimkien;

Illi fl-4 ta' Lulju, 2008, Fremal talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra F&F għall-ammont ta' € 350,000 in kawtela ta' "ammont approssimat ta' danni sofferti mill-bastiment *Capitan San Marco*" b'kawtela tal-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża 1084/06GV. Il-Mandat kien notifikat lil erba' (4) sekwestratarji, lkoll banek kummerċjali f'Malta. Il-Mandat inħareġ dak inhar li ntalab;

Illi jidher xieraq li l-ewwel <u>konsiderazzjoni ta' dritt</u> marbuta mal-każ tkun riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma rilevanti. Kif ingħad, F&F qiegħda titlob it-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontriha fuq il-bażi ta' kawżali waħda – dik maħsuba fl-artikolu 836(1)(ċ) – li teżisti garanzija oħra xierqa favur Fremal. F&F tgħid li din il-garanzija xierqa tinħoloq bil-Mandati ta' Qbid maħruġa fuq il-bastiment *Gran Michelangelo* u l-Mandati ta' Impediment ta' Safar maħruġin fuq l-istess opra tal-baħar;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[4]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat, u dan ukoll minħabba l-fatt li l-partijiet diġa' ressqu pretensjonijiet rispettivi kontra xulxin li qegħdin jinstemgħu minn Qorti oħra;

[1] Dok "MG3", f'paġ. 52 tal-atti
[2] Rik. Nru. 1084/06JZM
[3] Rik. Nru. 7/07JZM
[4] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifika tal-liġi li fuqha F&F ssejjes it-talbiet tagħha. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi F&F ssemmiu kawżali waħda li dwarha tistenna li t-talbiet tagħha jitqiesu:

A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrenti tgħid li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet ta' Fremal tinsab f'mandati oħrajn maħruġa minnu kontra l-bastiment imħaddem minnha. Minn kliem il-liġi nnifisha, hu aċċettat li t-tiftix tal-garanzija xierqa għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jrid isir fi ħdan l-istess intimat eżekutat, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor";

Illi l-Mandati l-oħra li F&F tirreferi għalihom inħarġu kontra l-bastiment. F&F m'hijiex sid dak il-bastiment, u lanqas ma wriet – kif bil-liġi trid tagħmel – x'inhi l-garanzija l-oħra xierqa li tgħid li qiegħda tagħti lil Fremal biex dan ma jibqax jinsisti fuq il-Mandat tal-lum. Tassew li F&F issemmi l-isem tajjeb tagħha stess fil-qasam tas-sajd kummerċjali, imma din il-fama ma tissarrafx, fil-fehma tal-Qorti, f'għamla ta' garanzija li titkellem dwarha l-liġi taħt din il-kawżali. Tista' tgħodd, per eżempju, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8) imma dik għal għamla oħra ta' stħarriġ dwar l-għoti ta' penali ;

Illi, minbarra dan, intwera wkoll[6] li l-bastiment *Gran Michelangelo* fil-qagħda li jinsab fiha llum ftit li xejn jagħti

[5] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[6] Ara Dok "AV3", f'paġġ

garanzija li tkopri l-ammont li Fremal jgħid li ġarrab f'danni minħabba l-inċident;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma ntweriet raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandat fuq il-kawżali msemmija;

Illi F&F talbet ukoll rimedju alternativ għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbet it-tqegħid min-naħa ta' Fremal ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess F&F tista' turi li ġarrbet minħabba l-Mandat[7]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar l-effetti tal-Mandat, sejra issa tipprovdi dwar din it-talba;

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant. F'dan ir-rigward, F&F naqset li tressaq xi sottomissjoni partikolari, jew li turi liema hija r-raġuni tajba għaliex il-Qorti għandha tilqa' din it-talba tagħha;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[8]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża

[7] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[8] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[9]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[10], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[11] minħabba l-istess Mandat;

Illi għalhekk ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti eżekutata** billi ma hemm l-ebda raġuni tajba li twassal lill-Qorti la biex tħassar il-Mandat u lanqas biex torbot lill-intimat eżekutanti jressaq garanzija għaż-żamma tal-Mandat fis-seħħ;

**Tordna** li l-kumpannija rikorrenti eżekutata tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, 27 ta' Mejju, 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[10] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[11] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***